# San Gejtanu
# fil-Parroċċa tal-Fontana Għawdex

minn John Micallef



**FIL-PARROĊĊA** ddedikata lil Qalb ta' Ġesù tar-raħal pittoresk tal-Fontana, nsibu l-unika vara ta' San Gejtanu ġewwa Għawdex.

Huwa magħruf li din l-istatwa saret b'wegħda mal-qaddis tagħna.

Is-sinjuri George Xuereb u Carmela née Scicluna (ta' nisel Malti), minn dejjem kienu devoti ta' San Gejtanu. Għalhekk, bħala ringrazzjament lil Alla, għall-grazzji li qalgħu bl-interċessjoni ta' San Gejtanu, qabbdu lill-iskultur bravu Għawdxi Wistin Camilleri Cauchi għal din il-biċċa xogħol. Din il-vara nħadmet fil-bidu tas-snin sittin. Il-vara, bħalma tidher fir-ritratt, għandha tliet personaġġi bħall-parroċċa tal-Ħamrun, fejn naraw lil San Gejtanu għarkubbtejh, lest biex jilqa' fi ħdanu t-Tarbija Divina mingħand Marija.



Ta' min jgħid li l-familja Xuereb għamlet xi żmien toqgħod il-Gżira (Malta) – pajjiż Carmela. Għall-aħħar tal-ħamsinijiet, il-familja Xuereb irritornat lura Għawdex wara li l-missier,

permezz tal-wegħda li semmejna, sab ix-xogħol hemmhekk. Ta' min jgħid, li dak iż-żmien ma kienx faċli li ssib xogħol Malta, aħseb u ara Għawdex.

Wara li sab ix-xogħol ġewwa Għawdex, George ħa l-familja tiegħu ġewwa r-raħal ċkejken tal-Fontana. Wara li mietu George u Carmela, l-interess fil-qaddis tagħna ma waqafx hemm. Huma għaddew id-devozzjoni lil uliedhom Joseph u Mary.



*Il-vara ta' San Gejtanu fil-Fontana*



*Il-faċċata tal-knisja parrokkjali fil-Fontana*

Ta' kull sena, Joseph u Mary huma l-benefatturi tal-festa interna li ssir fil-parroċċa tal-Fontana. Nhar is-7 ta' Awissu, allura d-data tal-qaddis tagħna, bil-koperazzjoni tal-kappillan il-Kanonku Dun George Bezzina, tinħareġ l-istatwa ta' San Gejtanu min-niċċa u titqiegħed f'post prominenti fil-knisja għall-qima tal-pubbliku. Fl-istess ġurnata, issir quddiesa kantata, bil-priedka ta' l-okkażjoni. Il-vara ta' San Gejtanu tibqa' fil-

knisja għal disat ijiem sħaħ, jiġifieri tkun għaddiet il-festa tal-Ħamrun ukoll, peress li aħna niċċelebraw il-festa dejjem il-Ħadd, jekk is-7 ta' Awissu jaħbat nhar ta' xogħol.

B'hekk, bis-saħħa tal-familja Xuereb, tkebbset id-devozzjoni lejn il-patrun tagħna San Gejtanu ġewwa Għawdex. Ma rridux ninsew li kien bis-saħħa ta' Għawdxi ieħor, jiġifieri l-Isqof Gaetano Pace Forno li għandna lil San Gejtanu fil-Ħamrun. L-Isqof Pace Forno kien ukoll benefattur kbir tal-parroċċa tagħna. Mhux ta' b'xejn li nġibu l-arma ta' kunjomu fuq il-faċċata tal-knisja.

Naħseb li għal ħafna Ħamruniżi, din kienet aħbar ġdida. Għalhekk inħeġġiġkom biex meta titilgħu Għawdex, iżżuru l-parroċċa tal-Fontana.

Nixtieq nirringrazzja lis-Sur Joseph Borg u lis-Sur Joseph Xuereb li tawni l-għajnuna f'dak li huwa informazzjoni u ritratti biex stajt ngħaddi lilkom.

Il-festa t-tajba lil kulħadd.

## Grazzi lil min offra Riklami u Donazzjonijiet

Il-Kappillan għan-nom tal-Parroċċa San Gejtanu flimkien mal-Bord Editorjali ta' dan il-ktejjeb, jixtiequ jirringrazzjaw lil dawk kollha li taw ir-riklami u d-donazzjonijiet, biex dan il-ktejjeb ikun jista' jsir u jħeġġu lill-qarrejja jagħmlu użu mis-servizz li joffru dawn il-ħwienet u kumpaniji.

TONI & GUY
HAIRDRESSING
High Street, Ħamrun HMR 02, Malta
Tel: (+356) 241002, 240993